*-inkompatibilita`t'eċċezzjoni tal-pagament mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni*

*-preskrizzjoni applikabbli għal appalt*

*-tisrif ta' ċekk maħruġ "għas-saldu"*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Seduta tal-14 ta' Mejju, 2019.**

**Rikors Ġuramentat Nru 618/15GM**

C&F Building Contractors Limited

vs

Kunsill Lokali Ħamrun

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2015 fejn is-soċjeta' rikorrenti C&F Building Contractors Limited (minn issa 'l quddiem imsejjħa "l-attriċi") wara li ppremettiet:

Talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' sitta u għoxrin elf, sitta u disgħin ewro u disgħin ċentezmu (€26,096.90) jew somma verjuri li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti bilanċ ta' prezz ta' appalt u xogħolijiet u materjal imwettqa u kkonsenjati lill-konvenut fuq talba tagħhom kif premess f' dan ir-rikors ġuramentat u dan prevja kull dikjarazzjoni oħra opportuna;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Kunsill Lokali Ħamrun (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-konvenut") li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi primarjament l-azzjoni attriċi hija preskritta t-termini ta' l-artikolu 2149(a) tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost u wkoll in linea preliminari, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-kunsill lokali intimat ħallas a saldu lis-soċjeta' rikorrenti, liema ħlas ġie aċċetta bla ebda riserva u dan skond kif jidher fl-anness dokumenti Dok KLH1, KLH2 u KLH3;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost l-ebda ammont ma huwa dovut mill-Kunsill intimat lis-soċjeta rikorrenti billi kwalsiasi ammont tħallas abbazi tal-kejl sar mill-*project manager*.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat d-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-każ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;

Ikkunsidrat:

**Fatti**

1. Bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' appalt permezz ta' liema l-attriċi ġiet inkarigata mill-konvenut tezegwixxi xogħolijiet fil-propjeta` tiegħu.

2. L-attriċi eżegwiet ix-xogħolijiet kif rikjesti mill-intimati.

3. Matul il-kors tax-xogħolijiet l-intimat għamel pagamenti akkont tal-prezz finali li ġie pattwit bejn il-partijiet iżda għad fadallu jħallas lill-attriċi l-aħħar ħlas billi ma kienx hemm qbil fuqu minkejja negozjati dwaru.

4. Il-konvenut bagħat ċekk €94,182.37 lill-attriċi bil-kundizzjoni miktuba fl-ittra u *payment voucher* mibgħutin miegħu bil-kliem "in full and final settlement". L-attriċi qiegħedha tiċħad li l-pagament sar għas-saldu;

Ikkunsidrat:

**L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni**

Illi din il-kawża hija dwar ħlas t'appalt. Il-konvenut jeċepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Art. 2149(a) tal-kap 16. L-attriċi, fin-nota ta' sottomissjonijiet

tagħha, tirribatti li hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' ħames snin skont l-Art. 2156(f) billi l-kuntratt bejn il-partijiet kontendenti kien operazzjoni kummerċjali. B'danakollu l-Art. 2156(f) japplika biss *in subsidium* "meta l-kreditu ma jkunx jaqa'... taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku". Min-naħa l-oħra m'hemmx dubbju li l-Art. 2149(a) huwa applikabbli f'dan il-każ għaliex si tratta t'azzjoni ta' kuntrattur għall-opri maħdumin minnu;

Illi l-attriċi, fl-istess nota ta' sottomissjonijiet, tilqa' wkoll għal din il-preskrizzjoni billi ssostni li l-konvenut ma ħax il-ġurament min jeddu li mhux debitur, kif jagħmar li jsir l-Art. 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili. Dik id-disposizzjoni ġiet introdotta bl-Att I tas-sena 2017 u emendata bl-Att VIII tal-2017. Ir-risposta ġuramentata, li tinkludi din l-eċċezzjoni, ġiet ippreżentata fid-29 ta' Lulju 2015. Fl-emendi ma kien hemm l-ebda disposizzjoni tranżitorja. A propożitu ta' din l-emenda ntqal hekk minn din il-Qorti diversament ippreseduta:

"Illi jiġi rilevat li l-liġi dwar il-Kumpaniji hija, ovvjament, liġi sostantiva u mhux waħda proċedurali. Dan qed jingħad fid-dawl tal-posizzjoni li ħadet l- Onorabbli Qorti tal-Appell li applikat l-emendi ntrodotti għal-liġi tal-Proċedura bl-Att XXIV tal-1995, liema emendi ġew applikati għall-każijiet pendenti u anke għar-rikorsi li kienu ġew introdotti qabel ma daħlu fis-seħħ il-liġijiet il- ġodda ta' proċedura (ara, per eżempju, id-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru, 1995, fil-kawża **Razzewi vs Mifsud Bonnici**). Din il-posizzjoni ittieħdet fid-dawl tal-principji li regoli ta' proċedura huma invarjabilment regoli ta' ordni pubbliku li għandhom ikollhom effett u applikazzjoni immedjata u dan sakemm ma jkunx ġie stabbilit b'mod ieħor fl-istess liġi.

"Il-prinċipju li jirregola liġi sostantiva għandu, min-naħa l-oħra, jkun oppost. Peress li tali liġi jkollha l-iskop li tirregola l-aġir tac-ċittadini fil-konfront ta' xulxin jew fil-konfront ta' Awtorita' governattiva, din m'għandhiex ikollha effett retroattiv, fis-sens li ma tistax tikkontrolla aġir li jkun gia seħħ meta saret il-liġi! Kull ċittadin għandu dritt jirregola l-aġir u l-kuntratti tiegħu a bazi tal- liġijiet viġenti u fis-seħħ metta seħħ dak l-aġir u mhux preżunt li l-Legislatur sejjer, bil-

liġi li saret illum, jirregola dak li seħħ 'l bierah.

"Ovvjament, il-Legislatur jista' fil-limiti tal-poteri tiegħu, jittanta li jilleġisla anke għal dak li seħħ fil-passat, pero`, biex jagħmel dan, irid jagħmlu espressament, għax bħala regola u in principju, ir-regoli ta' natura sostantiva huma meqjusa li l-effett tagħhom ikun biss proattiv; dan in omaġġ għall- prinċipju Ruman li *lex non habet oculos retro*"[1];

Illi pero`, kif iwissi l-famuż **Gabba**, hemm każijiet fejn id-distinzjoni bejn liġi proċedurali u liġi sostantiva hija waħda neboluża:

"Vero e proprio contenuto delle leggi di procedura e` il dar norma agli atti procedurali, cioe` appropriare questi atti ai vari scopi giuridici cui debbono servire, tracciarne la connessione, i requisiti, il contenuri, gli effetti. Acade pero` sovente che sia dubio il vero e proprio carattere di una legge, se procedurali o no, oppure si discuta intorno all'indole dell'efffetto di una legge di procedura, se sia un effeto procedurali, ovvero u diritto quesito materiale. Vi hanna infatti: I) leggi e diritti d'indole privata materiale, che a) hanno per oggetto ati procedurali; oppure b) suppongono certi atti procedurali per produrre certi loro effetti; II) leggli procedurali, che da atti procedurali fanno nascere veri diritti privati materiali; III) finalmente leggi d'indole privata materiale, che di mero fatto, e casualmente, si trovano frammiste alle vere e proprie leggi di procedura. Egli e' chiaro che tutti questi casi devono essere studosamente ed esattamente distinti, e che si devono tutti regolare con pricipii transitori affatto differenti da quelli che valgono per le vere e proprie quistioni transitorie procedurali"[2];

Illi l-Artiklu 2160 huwa disposizzjoni ta' din ix-xorta msemmija mill-Gabba: proċedura li minnha jiddependi l-iskattar tad-dritt tal-preskrizzjoni. Id-dritt ta' preskrizzjoni qasira mhux biss jinħtieġ il-mogħdija taż-żmien imma wkoll il-ġurament tad-debitur. Huwa permezz tal-ġurament li jiġi fis-seħħ. M'huwiex għalhekk disposizzjoni ta' sempliċi proċedura iżda huwa intimament marbut

---

[1] Joseph Said v Alfred Grima 12.12.2002 Prim'Awla per Onor. Imħ. Tonio Mallia, mhux appellata u ċċitata b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif preżentement ippreseduta in re: Ballut Blocks Ltd v Bonnici Bros. Construction Ltd - 17.01.2019

[2] C.F. Gabba, Teoria della Retroattivita` delle Leggi , 1889, Vol. IV, Capitolo IV, paġna 409

mad-dritt sostanzjali. Tant li jinsab fil-kodiċi ċivili, u mhux fil-kodiċi ritwali – għalkemm xejn ma jimpedixxi lill-leġiżlatur li jdaħħal fil-kodiċi ċivili disposizzjoni purament proċedurali. It-tibdil kardinali li daħħlu ż-żewġ emendi hu li l-għoti tal-ġurament ma baqax isir mill-attur fid-diskrezzjoni tiegħu; iżda jsir – u tabilfors – mill-konvenut. Il-ġurament inbidel radikalment billi minn wieħed deċiżorju sar integrattiv tal-jedd sostantiv tal-preskrizzjonijiet estintivi qosra. Għaldaqstant l-Artiklu 2160 ma jistabbilixxix norma purament proċedurali;

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell f'sentenza riċenti, iddeċidiet, għar-rigward tal-imsemmija żewġ emendi, li **ma japplikawx għal eċċezzjoni li ġiet ippreżentata fis-sena 2012, għad li l-kawża baqgħet għaddejja wara d-dħul taż-żewġ emendi**:

" Qabel ma tqis l-aggravju mressaq fir-rikors tal-appell il-qorti sejra tqis aggravju ġdid imressaq mill-attur waqt is-smigħ tal-appell, viz. illi meta ressaq l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni l-konvenut ma tax il-ġurament li jrid l-art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili.

"Dan l-aggravju huwa ħażin. Il-ħtieġa li min iressaq eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jagħti wkoll il-ġurament li jrid l-art. 2160 iddaħħlet bis- saħħa ta' emendi magħmula bl-art. 4 tal-Att I tal-2017 u bl-art. 8 tal-Att VIII tal-2017. Meta l-konvenut ressaq l-eċċezzjoni fit-tweġiba tiegħu ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2012 din l-emenda ma kinitx fis-seħħ u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa tal-ġurament. Huwa minnu li l-kawża għadha ma nqatgħetx, u illi liġijiet proċedurali japplikaw minnufih, ukoll għal kawżi li jkunu nbdew qabel ma tkun saret l-emenda għal-liġi proċedurali iżda jkunu għadhom pendenti, iżda dan ma jolqotx jeddijiet sostantivi ġà miksuba, bħal ma hu l-ħelsien minn dejn li jkun ġà nkiseb meta l-liġi l-ġdida tidħol fis-seħħ. Fil-każ tallum, jekk tassew l-azzjoni tal-attur kienet waqgħet bi preskrizzjoni meta tressqet l-eċċezzjoni relativa, l- eċċezzjoni ma tintlaqatx b'emendi li jsiru wara"[3];

[3] Sergio Manche v Carmel sive Charles Grech 05.10.2018 Qorti tal-Appell, per S.T.O. Joseph Azzopardi, Onor. Imħ. Giannino Caruana Demajo, Onor. Imħ. Noel Cuschieri

Illi għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Art. 2160 kif inhuma llum ma japplikawx għall-eċċezzjoni mressqa mill-konvenut f'din il-kawża;

Illi l-attriċi ġġib raġuni oħra l-għala l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni m'għandhiex tiġi milqugħa: l-inkompatibilita` bejnha u t-tieni eċċezzjoni li hija li l-attriċi tħallset għas-saldu.

Fi kliem l-Imħallef Philip Sciberras:

"… jinsab stabbilit pero` l-prinċipju illi ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur, b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiza, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni ġuridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni. Ara Kollez. Vol. XXXVII.i.310:

*omissis*

"Fil-presenza tal-kondotta proċesswali assunta mill-appellanti, dan mhux biss ma baqax ankrat mal-presunzjoni kostitwenti din il-preskrizzjoni, kif kellu dritt jagħmel, talli spontanjament għadda 'l quddiem biex jasserixxi li hu kien issalda żmien qabel is-somma reklamata. Dan, għall-Qorti, ma jistax ħlief ifisser illi hu kien qed jirrikonoxxi l-eżistenza tas-somma reklamata b'dan li hu kien qed jinsisti li ħallasha.

"Fi kliem iehor mill-presunzjoni għadda għall-affermazzjoni tal-ħlas. Fil-ħsieb tal-Qorti tali atteġġjament hu inkompatibbli ma' dik il-volonta` fl-appellanti li javvalora ruhu mill-kawza estintiva ta' l-azzjoni bl-eccepita preskrizzjoni. Jingħad a propożitu mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni** (16 ta' Novembru 1980, Numru 5973) illi, '*il riconoscimento del diritto idoneo ad interrompere il decorso della prescrizione puo` essere anche tacito e consistere, quindi, comportamento incompatibile con la volonta` di disconoscere la pretesa del creditore.*'

"Effettivament din il-Qorti tara fl-atteggjament assunt millappellanti fil-kors tal-process, u in partikolari fl-istess deposizzjoni tieghu, vera kontradizzjoni in kwantu millbanda l-wahda jappilja mal-hlas prezuntiv li taghmel il-preskrizzjoni eccepita mentri minn naha l-ohra fix-xhieda tieghu jirrikonoxxi li l-kreditu ghalkemm jezisti, mhux dovut ghax hu kien issaldah. Intant huwa baqa' ma pproduca ebda prova ta' dan il-hlas bl-iskuza li ma zammx karti ghax kien ghadda bosta zmien;"[4]

Illi hawn l-attriċi għandha raġun. L-eċċezzjoni tal-ħlas għas-saldu mhix kompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

**L-eċċezzjoni tal-ħlas għas-saldu**

Illi kif ġja` ngħad, it-tieni eċċezzjoni hi li sar ħlas għas-saldu. In sostenn ta' dan, il-konvenut esebixxa, flimkien mar-Risposta Guramentata tiegħu, fotokopja informi tal-*Payment Voucher* datata 14 ta' Diċembru 2011 li tindika l-ħlas ta' €94,182,37 bħala "*Full and final Settlement*" (fol 19) kif ukoll fotokopja ta' ittra mis-Segretarju Eżekuttiv tal-konvenut, indirizzata lill-attriċi, datata wkoll 14 ta' Diċembru 2011 (fol 20) li tinfurmaha li mal-ittra qiegħed jibgħatilha ċekk għall-istess ammont tal-*invoice* "*covering the full and final settlement of the Contract for the Construction of Multi Storey Car Park and Council Premises/Offices for the Hamrun Local Council*". Din il-korrispondenza, li tinstab fir-rekords tal-Kunsill, ġiet ikkonfermata bil-ġurament mis-Segretarju Eżekuttiv fiż-żmien tal-kuntratt Philip Massa (fol 218) u minn Karen Camilleri (li ssostitwiet lil Philip Massa)(fol 280, 294) …… Iċ-ċekk fil-fatt ġie msarraf mill-attriċi (fol 21, 22). L-attriċi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ssostni li l-uffiċjali tal-attriċi ma "raw" l-ittra u l-*invoice* fir-rekords tal-attriċi (fol 232, xhieda ta' Rodianne

[4] Maltacom plc vs Paul piscopo – Qorti tal-Appell , per Onor. Imħ. Philip Sciberras – 05.07.2006

Bonnici, senior accounts clerk mal-attriċi). B'danakollu, ġaladarba hemm kopja ta' din il-korrispondenza fir-rekords tal-Kunsill, u ġie ppruvat li l-attriċi rċeviet iċ-ċekk u sarrfitu, hemm preżunzjoni sempliċi (*presumptio hominis vel facti*), li hija ma rribattietx, li l-ittra u l-*invoice* intbagħtu lill-attriċi flimkien maċ-ċekk, u li din irċeviethom. A propożitu, ingħad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li:

"Ingħad proprju in tema tal-prova tal-pustaġġ ta' ittra fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Borg *et* -vs- Joseph A. Bartolo**, Appell Inferjuri, 25 ta' Gunju 1980, per Imhallef Maurice Caruana Curran, illi fil-provi cirkostanzjali jew indizzjarji tezisti l-presunzjoni fuq imsemmija mhollija fil-prudenza tal-gudikant "li *proof of postage is proof of delivery* u allaħares ma kienx hekk". Dan avolja din il-presunzjoni mhix espressament dixxiplinata fil-Kodici Civili tagħna bħal ma hekk hi taħt il-Kodici Civili Taljan, *ex*-artikolu 2729 tieghu. Dan, anke jekk ma jonqsux accenni legislattivi dwarha f'liġijiet oħra, in partikolari dawk fiskali (Kapijiet 372 u 406), għal finijiet tan-notifika ta' l-atti taħthom"[5];

L-attriċi ssostni, ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li mkien ma hemm xi firma da parti tal-uffiċċjali tagħha li jaċċettaw il-ħlas għas-saldu.

Illi in tema ta' tisrif ta' ċekk taħt il-kundizzjoni li nħareġ għas-saldu, ingħad hekk:

"Huwa veru li in linea ta' massima hu preżunt li min jaċċetta, u jsarraf ukoll, *cheque* lilu mibgħut fit-termini *full and final settlement* jiġi li hu rċeva pagament f'dawk l-istess termini preċiżi. Dan jibqa' hekk però sakemm ma jiġix muri illi min irċevih ipprotesta dwar ħlas għal dan fil-mument opportun. Fil-każ preżenti din il-Qorti hi sodisfatta fuq l-analisi tagħha tar-riżultanzi istruttorji illi lattur Johann Schembri kien ipprotesta dwar il-pagament li sarlu bin-nuqqas. F'dan hu korroborat minn Joseph Caruana, segretarju tal-Kunsill Lokali konvenut, fejn dan ikkonferma illi l-imsemmi attur kien ilmenta mal-Kunsill dwar l-ammont li tħallas. Jitnissel minn dan illi il-pagament li sar lid-ditta attriċi f'dawk il-kontingenzi ma jistax ħlief jiġi klassifikat bħala wieħed sempliċiment akkont, anke jekk l-ittra akkompanjanti ċ-*cheque* tgħid xort'oħra, jiġifieri li skond il-

[5] **Ellis David v Satariano Albert 30.05.2007** Qorti tal-Appell , per Onor. Imħ. Philip Sciberras

Kunsill Lokali l-ħlas kien wieħed għas-saldu. Bil-protesta u l-ilmenti li jingħad li saru, l-attur wera l-manifestazzjoni tal-volontà tiegħu li ma kienx qed jaċċetta li ċ-*cheque* riċevut b'dawk il-kliem, u f'dawk it-termini, kien intiż minnu bħala aċċettazzjoni ta' ħlas għas-saldu. L-aggravju fuq dan il-punt ma jistax allura jirċievi favur"[6];

Illi l-attriċi ssostni, abbażi tax-xhieda ta' Itiana Abela, illi l-ftehim kien li jitħallas l-ammont ta' €1,200 minnha għas-saldu ta' ħsarat lil terzi; l-ammont ta' €94,182.37 fuq il-parti tal-prezz tax-xogħol maqbul bejn il-partijiet; u mbagħad ikomplu n-negozjati fuq il-parti tal-kont li ma kienx hemm qbil dwaru. Dan iżda jikkuntrasta ma' dak li xehed is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill fis-sens li l-ħlas kien qiegħed isir għas-saldu: "Il-Kunsill, għall-fini tal-Kunsill, għax dik aħna nħallsu fuq approvazzjoni tal-Kunsill fuq *recommendation* tal-*project manager*. Għalih kienet il-*final settlement* bħala Kunsill tal-fini tal-proġett; konna ser ngħalquh hemmhekk" (fol 244, Philip Massa in kontro-eżami). Massa reġa' kkonferma, waqt li sarlu l-kontro-eżami li, "Meta konna ġejna għall-*final bill* niftakar li kien hemm diżgwid... **u konna ftiehmna.** (enfasi miżjuda mill-Qorti). U konna spjegajna l-affarijiet x'kienu. U min-naħa ta' dakinhar kien hemm qbil; issa jekk il-qbil minn dakinhar reġa' nbidel jien ma..."(fol 464). Il-Qorti temmen il-verżjoni tas-Segretarju tal-Kunsill, anke billi din hija kkorroborata bil-kliem "in full and final settlement". Anke kieku l-Qorti tqis li hemm konflitt fil-provi, id-dubbju jmur favur il-konvenut billi l-piż huwa fuq l-attur biex iwaqqa' dak li hemm miktub. Barra minn hekk, meta ċ-ċekk issarraf, ma jirriżultax mill-provi li dan issarraf taħt protesta. Provi li kellhom jitressqu mill-attriċi. Għalhekk jirriżulta li l-ħlas tabilħaqq sar għas-saldu.

**Decide:**

[6] Johann Schembri v Charlot Mifsud 19.10.2005 Qorti tal-Appell , per Onor. Imħ. Philip Sciberras

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-tieni eċċezzjoni; fiċ-ċirkostanzi ma tieħux konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attriċi, bi spejjeż a kariku tagħha.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA